Mellieħa

Kunsill Lokali Mellieħa

# Il-Pjan tal-Ħidma

2014 - 2016

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 2 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 3 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 4 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 7 |
| Attivitajiet Ġenerali | 10 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment | 12 |
| L-Infieq Kapitali | 15 |

## Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Is-sena 2013 kienet ikkaratterizzata bil-konklużjoni ta' diversi proġetti kapitali, kemm f'dawk li huma xogħlijiet, kif ukoll pagamenti relatati magħhom. Hekk li l-pjan ta' ħidma tas-Seba' Kunsill ser ikun rifless f'dan il-pjan ta' ħidma. Il-Kunsill kien ferm kawt li ma jidħolx f'*committments* ġodda sakemm onora dawk li kien għadhom prevalent fl-ewwel disa' xhur tal-2013. Għalkemm il-qagħda finanzjarja fl-2013 ma kinitx waħda ta' defiċit, il-pagamenti saru gradwalment u għalhekk kien hemm likwidita` biżżejjed biex ma ġietx affettwata n-nefqa rikorrenti. Bl-effett ta' din il-miżura, is-sitwazzjoni finanzjarja tjiebet b'mod sinifikanti partikularment meta daħlu fondi dovuti mill-Gvern Ċentrali, relatati mal-Proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II; Ġnien Ħidmet il-Volontarjat; il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ; Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi 2012.

Fis-snin li għandna quddiemna n-nefqa rikorrenti mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti bl-introduzzjoni ta' assi permanenti li jirrikjedu spiża akbar biex jinżammu fi stat tajjeb. Billi dawn il-postijiet ġew attrezzati bi dwal, *water features* li jinvolvu konsum, dan ukoll ser ikollu effett fuq l-ispiża rikorrenti. Kif wieħed jista' jara mill-iskedi aktar 'l isfel, huwa importanti li l-Kunsill ifittex sorsi ta' finanzjament oltre l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, partikularment fit-tieni u t-tielet sena tal-Pjan. Hemm ukoll l-inpenn li jitjiebu s-servizzi u l-attivitajiet kulturali li saru fl-aħħar snin u forsi wkoll jiġu modifikati wara l-esperjenza li nkisbet. Anke hawn il-Kunsill għandu jara li jibbenefika minn opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-Unjoni Ewropea, apparti l-iskemi li introduċa l-Gvern Ċentrali.

John Buttigieg - **Is-Sindku**

**2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni**

L-għan tal-Kunsill huwa li jservi ta' gvern lokali li jamministra fl-interess komuni tal-lokalita`, anke jekk dan jitlob li jittieħdu deċiżjonijiet, li ma jkunux daqshekk popolari fost ir-residenti.

**2.2 Il-Valuri**

Il-valuri mħaddna mill-Kunsill Lokali Mellieħa huma:

- Li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita` in ġenerali mingħajr ma jiddeskrimina bejn żona u oħra.
- Jikkonsidra bl-istess mod il-ħtiġijiet ta' l-irħula żgħar li jinstabu fil-lokalita', daqs dawk tal-Mellieħa li tħaddan fiha l-akbar numru ta' residenti.
- Jirrispetta l-opinjonijiet u twemmin politiku divers li jeżistu fil-lokalita'.
- Iħajjar lir-residenti jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jinħolqu strutturi li permezz tagħhom issir konsultazzjoni ma' nies ta' esperjenza jew esperti fil-qasam rispettiv. Fejn ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies li ser jintlaqtu b'xi deċiżjoni li tkun ser tittieħed, il-Kunsill imur għal metodu ta' konsultazzjoni aktar miftuħa permezz ta' laqgħat direttament mal-pubbliku.
- Jistma x-xogħol imwettaq mill-għaqdiet kulturali li jiffunzjonaw fil-Mellieħa u jkun strumentali biex l-għanijiet tagħhom jintlaħqu bi kwalunkwe` mezz possibbli fil-parametri tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Permezz ta' l-attivitajiet tiegħu, il-Kunsill jara li ma jidħolx f`kompetizzjoni mal-istess għaqdiet.
- Jara li l-fondi pubbliċi allokati lilu jintefqu bl-aktar mod effettiv, effiċjenti, b'tali mod li jinġieb il-valur tal-flus li jintefqu permezz ta' kontroll fuq il-kwalita`.

- Iservi ta' vuċi għall-kostitwenti tiegħu ma' Ministeri, Dipartimenti u/jew entitajiet pubbliċi fuq materji li jolqtu l-lokalita'.
- Jara li jikkonsolida t-tliet ftehim ta' ġemellaġġi li diġar jinsabu fis-seħħ li jwessa` l-orizzonti tar-residenti bi skambi li jista' jseħħu bis-saħħa tal-istess ġemellaġġi.
- Jara fuq kollox li jiffunzjona fil-qafas tal-liġijiet u regolamenti dwar l-operat tal-kunsilli lokali, kif ukoll josserva skemi u liġijiet li japplikaw fuq bażi nazzjonali.

### 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul il-Perjodu tal-Pjan

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
|---|---|
| • L-Ambjent | o Il-Kunsill ser jara li jkun hemm infurzar tal-liġi f'żoni rurali, filwaqt li jemmen illi dawn għandhom jidgawdew mill-Maltin u t-turisti bil-galbu u mingħajr ħsara ambjentali fil-qafas legali u *bye-laws* li ntroduċa l-Kunsill.<br>o F'koperazzjoni mal-Gvern Ċentrali jsiru kampanji edukattivi u jiġu ntrodotti miżuri sabiex ir-residenti jiġu nkoraġġiti u nċentivati jisseparaw l-iskart u jieħdu sehem f'attivitajiet bħalma huma *clean-ups*, u hekk tinħoloq kuxjenza aktar favur iż-żamma tal-indafa. |
| • Titjib fil-kwalita` tat-toroq u żoni urbani fil-lokalità, b`mod partikulari dawk li għadhom mhux miksija bit-tarmak. | o Fit-tliet snin tal-pjan ta' ħidma, il-Kunsill ser jara li Transport Malta tikkonkludi il-programm ta' toroq f'Santa Marija Estate, bir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin.<br>o Ser ikompli jagħmel pressjoni fuq Transport Malta biex issir it-triq il-ġdida biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata;<br>o Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, li tirrikjedi wkoll aktar sigurta` għall-*pedestrians* waqt l-attivitajiet li jsiru fil-Knisja Parrokkjali u fl-istess pjazza. |
| • Apprezzament ta' beni storiċi. | o Ser isir sforz min-naħa tal-Kunsill sabiex il-Batterija ta' Westreme, li tilqa' il-Mużew tat-Tunnara, u x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija jiġu inklużi fil-*brochures* u l-eskurżjonijiet għat-turisti, bil-għan li aktar nies iżuruhom. Ser jiġu żviluppati beni storiċi oħra li sal-lum kienu abbandunati, bħalma huma t-Torri l-Abjad u d-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa;<br>o Jinħoloq *heritage trail* f'Selmun li jestendi sal-Imgiebaħ. Il-Kunsill irid jara li jitfassal pjan dwar l-amministrazzjoni tal-binjiet li ġew restawrati, possibilment bl-involviment ta' NGO bbażata fil-lokalita`; u<br>o Jiġu restawrati l-Għajn tal-Mellieħa u ħajt flimkien mat-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa. |

| | |
|---|---|
| • Sigurta` u Serħan-il Moħħ għar-Residenti | • Ser ikomplu l-isforzi sabiex ikun hemm dawl adekwat fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq Għajn Żejtuna. |
| • L-Edukazzjoni | • Għoti ta' kotba u mezzi oħra ta' tagħlim lill-Librerija Pubblika tal-Mellieħa, permezz ta' koperazzjoni aktar mill-qrib mal-Librerija Nazzjonali skont il-ftehim dwar it-tmexxija ta' l-istess librerija, kif ukoll bil-għajnuna tal-Iskema dwar il-Librerija mħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-attrezzar u l-aġġornament tal-librerija jħajjar aktar nies jaqraw.<br>• Tisħiħ tal-korsijiet – Tagħlim Tul-Ħajja - bil-kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni bil-għan li t-tagħlim jinġieb aktar qrib ir-residenti ta' etajiet varji.<br>• Organizzazzjoni ta' *summer camp* għat-tfal biex jużaw il-ħafna ħin liberu li jkollhom matul ix-xhur tas-sajf bil-għan li jkomplu jiżviluppaw il-personalita` tagħhom b'mod differenti permezz ta' *crafts*, ħarġiet edukattivi eċċ. Din l-iniżjattiva għandha l-għan li tgħin lill-ommijiet li jaħdmu. |
| • Faċilitajiet Sportivi | • Il-proġett Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ ipprovda faċilitajiet sportivi li qabel ma kinux jeżistu fil-lokalita` u hekk issa qed jibbenefikaw minnhom assoċjazzjonijiet sportivi Melleħin. Filwaqt li dawn għandhom jintgħataw priorita`, il-Kunsill jeħtieġ jimmassimizza tal-faċilitajiet u jirkupra parti mill-ispejjeż meħtieġa biex dawn jinżammu. |
| • Attivitajiet Popolari | • Organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari ser ikomplu bil-għan li l-kwalita` tal-ħajja tar-residenti togħla filwaqt li l-lokalita` tal-Mellieħa tieħu postha fuq il-mappa kulturali ta' pajjiżna u b'riżultat ta' dan jitkattar il-kummerċ. Il-Kunsill ser jara kif jolqot sezzjonijiet oħra ta' nies bl-attivitajiet li jorganizza bl-introduzzjoni tal-Mellieħa *International Band Festival* u oħrajn. |

**L-Istrateġiji**

- L-ippjanar tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Kunsill jitmexxew b'konsultazzjoni mal-pubbliku jew ma' kumitati u sotto-kumitat komposti minn nies li għandhom esperjenza jew b'xi mod milquta. Nemmnu li biex tinkiseb il-fiduċja tar-residenti, il-kunsillieri u l-uffiċjali tal-Kunsill għandhom jkunu aċċessibli għall-pubbliku f'kull waqt.

- Il-Kunsillieri ndividwali għandhom jkomplu juru inpenn u koperazzjoni sħiħa bejniethom sabiex jaħdmu bħala tim wieħed, illi jpoġġi l-interessi tal-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. B`hekk tikber il-kredibilita` tal-Kunsill fost ir-residenti.

## 4.1 L-Analiżi tal-Ħidma

Il-Kunsill attwali qed jippjana l-iżvilupp ta' post ieħor ta' rikrejazzjoni fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*, preċiżament fil-qatgħa li hemm bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel. Din hija art li tappartjeni lill-Kurja, li skont il-Pjan Lokali ma tista` tintuża għal xejn ħlief għal skop ta' rikrejazzjoni. Ġie innegozjat ftehim mal-Kurja biex l-art tiġi mgħoddija lill-Kunsill b'titolu ta' *commodatum*, li ma jinvolvi ebda piż finanzjarju, ħlief għall-implementazzjoni tal-proġett innifsu u għall-manutenzjoni li tiġi wara. Il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa madwar €330,000, spiża li jeħtieġ tinqasam fuq tnejn jew tliet snin.

Il-Kunsill jemmen li ċ-ċentru storiku għandu jkompli jiġi mżejjen bil-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni biex jiġi biċċa waħda mal-Bitħa tas-Santwarju u l-imsemmija pjazza. Ser isir *upgrading* tat-turġien li jeżistu fil-qalba tal-Mellieħa l-antika, bħalma hija Triq San Publiju bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Kappillan Magri. Ser isir it-tindif tad-*Defence Post* tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq l-Għollieqa, kif ukoll ir-restawr tal-Għajn tal-Mellieħa u ħajt li qed iżomm it-taraġ li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Marfa. Il-Kunsill jemmen li biex il-proġett dwar ir-restawr tat-Torri l-Abjad ikun sostenibbli, jeħtieġ li tinstab organizzazzjoni li tkun tista' tiftħu għall-pubbliku. It-tmexxija tal-*Heritage Trail* ta' l-Selmun u l-Imġiebah ser issir bi sħab ma' organizzazzjoni volontarja.

Il-Kunsill huwa kummess dwar ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, fejn sas-sena 2016 ser jinvolvi nefqa ta' €124,875, filwaqt li l-fondi li kellhom jiġu irkuprati mill-Gvern Ċentrali taħt il-ftehim tal-*Public Private Partnership* daħlu kollha fl-2013. Fil-perjodu kopert bil-pjan, il-Kunsill ser jara li jagħti spinta fit-toroq li jinsabu fiż-żoni Tas-Sellum u f'Ta' Ġerbulin. Għaldaqstant qed jivvota ftit iktar minn €200,000 fl-ewwel sena tiegħu biex isir ir-*resurfacing* ta' Triq il-Marlozz, Triq is-Sajjieda u Triq il-Qarnit. Il-Kunsill ma jeskludix il-possibilta` li r-*resurfacing* tal-aħħar żewġ toroq jiġi sostitwit bil-*major patching* ta' Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara, peress li l-wiċċ iddeterjora serjament u jeħtieġ li jsir intervent immedjat.

L-intenzjoni tal-Kunsill hija li Misraħ il-Parroċċa quddiem il-Knisja tal-Manikata jsir żona pedonali b'parkeġġ taħt l-art, filwaqt li jagħmel pressjoni sabiex it-triq il-ġdida li tgħaddi biswit Ġnien iż-Żerniq u tiżbokka fi Triq Dun Manwel Grima titkompla u tibda tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet u hekk il-pjazza titħalla kwieta għad-dgawdija u s-sigurta` tan-nies li jiffrekwentaw il-knisja. Ser issir sistema ta' *floodlighting* madwar l-istess knisja permezz ta' dwal LED's.

Fl-ewwel sena tal-Pjan, ġew ivvutati €56,600 biex jitkompla r-rinovar tal-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill ser ikompli jkun inpenjat fuq it-titjib tas-sigurta` fiż-żoni ta' Santa Marija Estate bit-titjib tad-dwal tat-toroq. Billi l-vot għal dan il-għan mhux biżżejjed biex ikopri l-installazzjoni ta' dwal ġodda fuq l-arbli, il-Kunsill ser jara li jibbenefika minn finanzjament taħt il-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA.

Kif sar fi snin riċenti l-Kunsill ser ikompli jara liema huma dawk il-postijiet ta' rikrejazzjoni li jeħtieġu manutenzjoni sabiex jiġi assikurat li dawn jibqgħu ikkurati u ma jaqawx fl-abbandun. Għalhekk huwa importanti li eżerċizzju bħal dan isir fi Ġnien il-Qigħan, fl-Ewwel Fażi tal-Park tal-Familja, fejn is-sistema tad-dwal hija problematika u ta' spiss tinġibed l-attenzjoni dwarhom mill-pubbliku.

Fis-snin qabel dan il-Pjan, il-Kunsill daħal għall-implimentazzjoni proġetti kapitali ambizzjużi, bħal fil-każ tal-Park tal-Familja, il-*Heritage Trail* f'Selmun. Huwa vitali li dawn iż-żewġ proġetti partikulari jitpoġġew fuq sisien li jiġġarantixxu s-sostenibblita` tagħhom u possibilment jiffunzjonaw mingħajr l-appoġġ finanzjarju mill-Kunsill, bil-għan li jiġu evitati piżijiet li jridu jinġarru matul is-snin.

## 4.2 L-Organizzazzjoni

**Il-Kunsill**

**Is-Sindku**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

- **Assistant Amministrattiv fi Skala 11**
- **Uffiċjal fi Skala 15 (*Back Office*) u Żewġ Uffiċjali fi Skala 15 (*Front Office*)**
  - **Ħaddiem tal-IPSL**
  - **Ħames Ħaddiema ipprovdut mill-ETC**
- **Uffiċjal assenjat mis-Servizz Ċivili b'doversi relatati ma' materji li jinvolvu programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea**

- ***Contract Manager Road Resurfacing***
- **Uffiċjal Awtorizzat Dwar l-Infurzar tal-Liġijiet**
- ***Project Manager Selmun/Imġiebaħ Heritage Trail***
- ***Contract Manager* dwar id-Dwal Tat-Toroq**
- ***Contracts Manager* fuq il-ħidma in ġenerali**

## 4.3 Attivitajiet Ġenerali

Matul il-perjodu kopert b'dan il-pjan ta' ħidma ser ikun hemm il-ħtieġa li mill-inqas isiru tlettax-il sejħa għall-offerti f'dawk li huma servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jirrendi statutorjament. L-ispejjeż marbuta magħhom mistennija jiddependu minn diversi fatturi u għalhekk fl-iskedi tal-infieq rikorrenti tidher żieda ta' 1% fil-mija minn sena għall'oħra. Il-kuntratti dwar is-servizzi li ser jiskadu matul il-perjodu kopert b'dan il-Pjan ser ikunu kif jidher hawn taħt:

| Servizz | Jiskadi |
| --- | --- |
| Ġbir ta' Skart Domestiku Organiku | 30/11/2014 |
| Servizz ta' *Accountant* | 31/07/2015 |
| Provista ta' Asfalt | 31/07/2015 |
| Provista ta' Konkos | 31/07/2015 |
| *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari | 30/09/2015 |
| *Contract Management* fuq Road Resurfacing | 31/12/2015 |
| Manutenzjoni u Żamma ta' Parki u Ġonna | 31/01/2016 |
| Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u Postijiet Oħra | 31/01/2016 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 31/01/2016 |
| Iddisinjar, Tqassim u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill | 31/01/2016 |
| Servizz ta' *Contracts Manager* u Servizzi Anċillari | 29/02/2016 |
| Tindif ta' Toroq Urbani | 31/08/2016 |
| Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja | 31/08/2016 |

Bil-għajnuna mill-Gvern Ċentrali u bl-appoġġ tal-komunita` kummerċjali u l-għaqdiet tal-lokalita`, il-Kunsill ser ikompli jorganizza attivitajiet popolari bħalma huma Milied Mellieħi u l-Iljieli Melleħin. B'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-Iskola Primarja ser jitkompla jsir titjib fis-Sala tal-Komunita` u fil-madwar. Il-Kunsill mhux ser jabbanduna l-impenn li jaġġorna l-librerija pubblika tal-Mellieħa. Ser titkompla l-koperazzjoni mal-għaqdiet sportivi u kulturali biex dawn jiġu stimulati ħalli jorganizzaw attivitajiet li jħajjru l-parteċipazzjoni mir-residenti tal-lokalita`. Il-Kunsill ser ikompli jinvolvi ruħu flimkien mal-għaqdiet mużikali tal-lokalita` fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet mifruxa matul is-sena. Il-Kunsill ser jara wkoll li jitħaddmu l-ftehim dwar ż-żamma tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra, tal-Batterija ta' Westreme u il-*Ħeritage Trail* ta' Selmun/Imġiebaħ ma' tliet għaqdiet volontarji lokali, filwaqt li

jintroduċi oħrajn simili dwar it-tmexxija tat-Torri l-Abjad, id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa.

L-inizjattiva mtellgħa bil-koperazzjoni tal-artisti u artiġġjani Melleħin "L-Arti fil-Misraħ" ser tkompli ssir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II sabiex tinħoloq attrazzjoni għall-pubbliku li jkun preżenti hemm. Wara konkorrenza dejjem tiżdiet għall-ħarġiet kulturali, dawn ser jibqgħu jsiru.

Jeħtieġ li l-Kunsill ikun prudenti ħafna partikularment f'dik li hija nefqa rikorrenti matul l-perjodu kopert bil-Pjan ta' Ħidma, bil-għan li jfaddal biżżejjed fondi ħalli jiffinanza l-proġetti mfassla, partikularment il-proġett ta' ġnien pubbliku f'Mellieħa Heights. Din ser tkun sfida għaliex l-ispiża rikorrenti żdiedet sostanzjament bil-proġetti kapitali li twettqu fl-aħħar snin.



C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014 - 2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,033,287.00 | 1,043,619.87 | 1,054,056.07 | 3,130,962.94 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 119,387.00 | 56,485.87 | 36,850.73 | 212,723.60 |
| 0090 | L-Investiment | 8,200.00 | 8,282.00 | 8,364.82 | 24,846.82 |
| 0100 | Ġenerali | 58,000.00 | 120,000.00 | 25,000.00 | 203,000.00 |
| | **TOTAL** | **1,218,874.00** | **1,228,387.74** | **1,124,271.62** | **3,571,533.36** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 128,281.28 | 130,583.90 | 132,930.59 | 391,795.78 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 956,901.81 | 890,861.50 | 880,777.11 | 2,728,540.42 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 978,279.00 | 209,202.00 | 110,132.00 | 1,297,613.00 |
| | **TOTAL** | **2,063,462.09** | **1,230,647.40** | **1,123,839.71** | **4,417,949.20** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(844,588.09)** | **(2,259.66)** | **431.91** | **(846,415.84)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 949,565.39 | 104,977.31 | 102,717.64 | 949,565.39 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 104,977.31 | 102,717.64 | 103,149.55 | 103,149.55 |
| | **Annual Allocation/Suplus %** | **10.39** | **10.07** | **10.01** | |

## Noti u Suppożizzjonijiet

### Id-Dħul

- Qed jiġi smat li matul it-tliet snin tal-pjan l-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali tiżdied b` 1 % kull sena.
- Id-dħul mill-*bye-laws* jikkonsisti prinċipalment mill-permessi li jinħarġu għal attivitajiet temporanji bħal *barbecues*, ikkampjar eċċ, u l-ħlas għall-korsijiet li jorganizza l-Kunsill. Dawn mistennija li jiżdiedu bi 0.1% minn sena għal'oħra.

### L-Infiq

♦ L-infieq fuq is-servizzi li jixtri l-Kunsill, huma stmati li ser jiżdiedu b'rata ta' 2 % tul il-perjodu tal-Pjan.

..

## 5.2. Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014 - 2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 10,302.24 | 10,405.26 | 10,509.32 | 31,216.82 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 86,282.09 | 88,007.73 | 89,767.89 | 264,057.71 |
| 1300 | Bonus | 7,714.34 | 7,791.48 | 7,869.40 | 23,375.22 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.31 | 1,211.31 | 1,211.31 | 3,633.93 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,710.30 | 7,864.51 | 8,021.80 | 23,596.60 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 1,861.00 | 1,879.61 | 1,898.41 | 5,639.02 |
| 1700 | Sahra | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 11,200.00 | 11424.00 | 11652.48 | 34,276.48 |
| | | **128,281.28** | **130,583.90** | **132,930.59** | **391,795.78** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 28,990.00 | 29,279.90 | 29,572.70 | 87,842.60 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,700.00 | 4,747.00 | 4,794.47 | 14,241.47 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 252,400.00 | 254,924.00 | 257,473.24 | 764,797.24 |
| 2400 | Kera | 4,249.00 | 4,249.00 | 4,249.00 | 12,747.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 2,000.00 | 2,020.00 | 2,040.20 | 6,060.20 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,600.00 | 7,676.00 | 7,752.76 | 23,028.76 |
| 2700 | Trasport | 4,400.00 | 4,444.00 | 4,488.44 | 13,332.44 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 6,300.00 | 6,426.00 | 6,554.52 | 19,280.52 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 19,800.00 | 19,998.00 | 20,197.98 | 59,995.98 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 357,200.00 | 360,772.00 | 364,379.72 | 1,082,351.72 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 24,500.00 | 24,745.00 | 24,992.45 | 74,237.45 |
| 3200 | Taħriġ | 24,780.00 | 25,027.80 | 25,278.08 | 75,085.88 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 103,500.00 | 105,570.00 | 107,681.40 | 316,751.40 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,000.00 | 3,030.00 | 3,060.30 | 9,090.30 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,500.00 |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 95,833.00 | 20,000.00 | 0.00 | 115,833.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 15,149.81 | 15,452.80 | 15,761.86 | 46,364.46 |
| | | **956,901.81** | **890,861.50** | **880,777.11** | **2,728,540.42** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' Proprjeta` | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 230,525.00 | 108,235.00 | 12,000.00 | 350,760.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 6,500.00 | 7,150.00 | 7,315.00 | 20,965.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 741,254.00 | 93,817.00 | 90,817.00 | 925,888.00 |
| | | **978,279.00** | **209,202.00** | **110,132.00** | **1,297,613.00** |
| | **TOTAL** | **2,063,462.09** | **1,230,647.40** | **1,123,839.71** | **4,417,949.20** |

Noti:

## 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2014 € | STIMA 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2014 - 2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,009,987.00 | 1,020,086.87 | 1,030,287.74 | 3,060,361.61 |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 23,300.00 | 23,533.00 | 23,768.33 | 70,601.33 |
| | | **1,033,287.00** | **1,043,619.87** | **1,054,056.07** | **3,130,962.94** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 28,087.00 | 28,367.87 | 28,651.55 | 85,106.42 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 6,000.00 | 6,300.00 | 6,363.00 | 18,663.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 1,800.00 | 1,818.00 | 1,836.18 | 5,454.18 |
| 0070 | Fondi ta' l-Unjoni Ewropea | 83,500.00 | 20,000.00 | 0.00 | 103,500.00 |
| | | **119,387.00** | **56,485.87** | **36,850.73** | **212,723.60** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 8,200.00 | 8,282.00 | 8,364.82 | 24,846.82 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **8,200.00** | **8,282.00** | **8,364.82** | **24,846.82** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 58,000.00 | 120,000.00 | 25,000.00 | 203,000.00 |
| | | **58,000.00** | **120,000.00** | **25,000.00** | **203,000.00** |
| | | **1,218,874.00** | **1,228,387.74** | **1,124,271.62** | **3,571,533.36** |

## 6.1. L-Infiq Kapitali

| Nru. tal-Kont<br>Nru. tal-Proġett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Proġett | 2014<br>KONT<br>€ | 2014<br>PROĠETT<br>€ | 2015<br>KONT<br>€ | 2015<br>PROĠETT<br>€ | 2016<br>KONT<br>€ | 2016<br>PROĠETT<br>€ | 2014-16<br>TOTAL TAL-KONT<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| 7001 | Council Office Extension | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| | | | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 | |
| **7200** | **Titjib** | 230,525.00 | | 108,235.00 | | 12,000.00 | | 350,760.00 |
| 7210 | Office Improvements | | 56,600.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | 153,925.00 | | 101,235.00 | | 5,000.00 | |
| 7230 | New Street Furniture | | 20,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 6,500.00 | | 7,150.00 | | 7,315.00 | | 20,965.00 |
| 7310 | Office Equipment | | 1,500.00 | | 1,650.00 | | 1,815.00 | |
| 7311 | Computer Hardware | | 5,000.00 | | 5,500.00 | | 5,500.00 | |
| 7312 | Security Systems | | 0.00 | | | | | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 741,250.00 | | 93,817.00 | | 90,817.00 | | 925,884.00 |
| 7502 | Road Resurfacing | | 340,000.00 | | 35,817.00 | | 35,817.00 | |
| 7504 | Churches Area Floodlighting | | 63,750.00 | | | | | |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | 7,500.00 | | | | | |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | | 12,000.00 | | | | | |
| 7512 | Construction of Culverts | | 100,000.00 | | | | | |
| 7517 | Triq l-Inkurunazzjoni Embellishment | | 90,000.00 | | | | | |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Improvement | | 7,000.00 | | | | | |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | 5,000.00 | | | | | |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | | 11,000.00 | | | | | |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | 5,000.00 | | | | | |
| 7527 | Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | | 100,000.00 | | 58,000.00 | | 55,000.00 | |
| | **TOTAL Proġetti Ġodda** | 978,275.00 | | 209,202.00 | | 110,132.00 | | 1,297,609.00 |

## 6.2. Noti u Suppożizzjonijiet

| | |
|---|---|
| 7200 | Il-vot tat-Titjib (7210), jinkludi fih ir-rinovar li meħtieġ isir wara li ġie akkwistat il-fond intiż għall-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv.<br><br>Jinkludi fih ukoll l-installazzjoni ta' lampi ġodda (7220), f'dawk it-toroq li saru mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate u postijiet oħra. |
| 7310 | Dan il-vot ser jintuża biex jinxtara apparat għall-uffiċċju li kontinwament jrid jiġi aġġornat. |
| 7311 | Is-somma ndikata taħt dan il-vot hija ntiża sabiex isir it-titjib meħtieġ minn żmien għal żmien fuq is-sistema tal-IT mħaddma fl-uffiċċju. Għandu wkoll jagħmel tajjeb għall-introduzzjoni tat-tagħmir meħtieġ għall-*live streaming* tas-seduti tal-Kunsill. |
| 7502 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex jiffinanzja l-ftehim tal-*Public Private Partnership* li pprovda għar-*resurfacing* ta' Triq l-Armier bejn it-Triq Ta' Msid u l-Ponta tal-Aħrax, liema ftehim mistenni jiġi konkluż fl-2020. Jeħtieġ ukoll ikopri r-*resurfacing* ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Marlozz u possibilment toroq oħra fiż-żona Ta' Gerbulin. |
| 7504 | Il-*floodlighting* madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata huwa stmat li jlaħħaq €65,000 u l-Kunsill qed jistenna l-eżitu` ta' applikazzjoni ta' DNO li saret mal-MEPA. |
| 7508 | Il-pagamenti dovuti mat-tieni fażi ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat mistennija li jiġu konklużi matul l-2014, peress li għad fadal jiġi installat tagħmir marbut mal-*water feature*, kif ukoll xogħol ieħor relatat mal-bokok tal-ġwiebi li hemm taħt l-istess ġnien. |
| 7509 | Minkejja li ġie introdott is-servizz ta' kustodju fil-Park tal-Familja li qed jingħata matul parti sostanzjali mill-ġurnata, attwalment mhux possibbli li jingħata l-ħin kollu u għalhekk jeħtieġ li tiġi installata sistema ta' *CCTV* li diġa saru t-tħejjijiet għaliha waqt il-kostruzzjoni. |
| 7512 | Ser ikun hemm titjib fl-infrastruttura tat-toroq bl-estensjoni tar-*rainwater culverts* fi Triq il-Kbira, Triq l-Etna, Triq il-Qortin, Triq Għajn Żejtuna u ntroduzzjoni ta' oħrajn ġodda fi Triq il-Manikata f'Għajn Tuffieħa. |
| 7517 | Dan il-vot huwa intenzjonat għall-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni bejn Triq Salvinu Vella u il-Bitħa tas-Santwarju. |
| 7519 | Wara li tlesta t-titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ huwa maħsub li jsir *play equipment* għall-persuni b'diżbilita`. |
| 7520 | Il-Kunsill qed jagħmel it-tħejjijiet u l-konsultazzjoni meħtieġa sabiex isir it-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa, quddiem il-knisja fil-Manikata, filwaqt li tinbidel f'żona pedonali billi t-triq li saret ġdida tibda tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. B'dan il-mod ikunu jistgħu jsiru attivitajiet fil-pjazza b'aktar sigurta`, mingħajr il-ħtieġa li tingħalaq it-triq bejn il-Mellieħa u l-Manikata. |
| 7522 | Il-proġett dwar il-ħolqien ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ huwa wieħed estensiv li jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq €1.07 miljuni. Bil-għan li dan jitwettaq, saru żewġ ftehim mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Iżvilupp Rurali, għall-finanzjament tal-proġett taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali taħt il-Miżuri 313 u 323. Il-Gvern Ċentrali issieħeb fil-finanzjament ta' dan il-proġett billi qed jkopri l-kofinanzjament u l-ħlas tal-VAT involut. Minkejja dan, il-Kunsill qed jalloka somma ta' €11,000 sabiex jagħmlu tajjeb għall-attrezzi meħtieġa meta l-postijiet involuti jinfetħu għall-pubbliku. |
| 7524 | Il-Kunsill ngħata t-Torri l-Abjad b'titolu ta' devoluzzjoni bil-għan li dan jiġi restawrat u jinżamm miftuħ għall-pubbliku. Għal dan il-għan saret applikazzjoni mal-MEPA biex dan ikun kopert bil-permess.. |
| 7527 | Il-proġett tal-ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq il-Għasel, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Etna jinvolvi spiża li jeħtieġ tinqasam fuq iktar minn sena waħda. |